

31998D0083

21.1.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 15/41

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Jannar 1998

li tagħraf ċerti pajjiżi terzi u ċerti żoni ta' pajjiżi terzi bħala ħielsa mill-*Xanthomonas campestris* (ir-razez kollha patoġeniċi għaċ-Ċitru), iċ-*Cercospora angolensis* Carv. et Mendes u l-*Guignardia citricarpa* Kiely (ir-razez kollha patoġeniċi għaċ-Ċitru)

(98/83/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Billi l-Kummissjoni trid tiżgura illi l-pajjiżi terzi interessati jipprovdu t-tagħrif tekniku kollu meħtieġ għall-monitoraġġ tas-sitwazzjoni;

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Billi l-miżura pprovvduta f'din id-Direttiva hija skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/93/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar miżuri protettivi kontra d-dħul fil-Komunità ta' organiżmi perikolużi għall-pjanti jew għall-prodotti mill-pjanti u kontra l-firxa tagħhom ġewwa l-Komunità⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/14/KE⁽²⁾, u b'mod partikolari il-punti 16.2, 16.3 u 16.3(a) tat-Taqsima I tal-Parti A ta' l-Anness IV magħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Billi l-punti 16.2, 16.3 u 16.3(a) tat-Taqsima I, tal-Parti A ta' l-Anness IV fihom referenza għall-frott taċ-*Citrus L.*, il-*Fortunella Swingle*, il-*Poncirus Raf.* u l-ibridi tagħhom li joriġinaw f'pajjiżi terzi fejn il-*Xanthomonas campestris* (ir-razez kollha patoġeniċi għaċ-Ċitru), iċ-*Cercospora angolensis* Carv. et Mendes jew il-*Guignardia citricarpa* Kiely (ir-razez kollha patoġeniċi għaċ-Ċitru) huma magħrufa li jiġru;

Huwa hawnhekk iddikjarat illi l-pajjiżi terzi li ġejjin huma magħrufa bħala ħielsa mir-razez kollha tal-*Xanthomonas campestris* patoġeniċi għaċ-Ċitru:

- il-pajjiżi kollha li jkabbru ċ-Ċitru huma fir-reġjun Ewro-Mediterranj, li jinkludu l-Ewropa, l-Alġerija, Ċipru, l-Iżrael, il-Libja, Malta, il-Marokk, it-Tuniżija u t-Turkija,
- fl-Afrika: l-Afrika ta' Isfel, il-Gambia, il-Ghana, il-Guinea, il-Kenya, is-Sudan, is-Swaziland u ż-Zimbabwe,
- fl-Amerika Ċentrali u ta' Isfel u l-Karibew: il-Bahamas, il-Belize, iċ-Ċili, il-Kolombja, il-Costa Rica, Cuba, l-Ekwador, il-Honduras, il-Ġamajka, il-Messiku, in-Nicaragua, il-Perù, ir-Repubblika Dominikana, Santa Lucia, El Salvador, is-Surinam u l-Venezuela.

Billi dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu rrinforzati; billi mod wieħed kif isir dan huwa li jiġu stabbiliti l-pajjiżi terzi li huma magħrufa bħala ħielsa mill-*Xanthomonas campestris* (ir-razez kollha patoġeniċi għaċ-Ċitru), *Cercospora angolensis* Carv. et Mendes u *Guignardia citricarpa* Kiely (ir-razez kollha patoġeniċi għaċ-Ċitru) u biex jstabbilixxu ż-żoni ħielsa minn dawn l-organiżmi perikolużi fil-pajjiżi terzi fejn huma magħrufa li jiġru;

Artikolu 2

B'konsiderazzjoni għat-tagħrif ipprovvdut mill-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja għall-Protezzjoni tal-Pjanti u ċ-Ċentru Internazzjonali ta' l-Agricoltura u l-Bioxenja;

Huwa hawnhekk iddikjarat illi ż-żoni li ġejjin huma magħrufa bħala ħielsa mir-razez kollha tal-*Xanthomonas campestris* patoġeniċi għaċ-Ċitru:

- fl-Arġentina: il-Catamarca, il-Jujuy, is-Salta u t-Tucumín,
- fl-Awstralja: in-New South Wales, Queensland, is-South Awstralja u l-Victoria,
- fil-Brażil: Sao Paulo, bl-eċċezzjoni tal-Presidente Prudente,

Billi din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal kull sejba sussegwenti li wieħed jew aktar mill-organiżmi perikolużi rispettivi jiġru fil-pajjiżi terzi jew f'żoni interessati ta' pajjiżi terzi;

⁽¹⁾ ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 20.

⁽²⁾ ĠU L 87, tat-2.4.1997, p. 17.

- fl-Istati Uniti: l-Arizona, California, Florida (bl-eċċezzjoni tal-Kontea Dade u l-Kontea Manatee), Guam, Hawaii, Louisiana, il-Gżejjer Marjana tat-Tramuntana, Puerto Rico, is-Samoa Amerikana, Texas u l-Gżejjer Virgin ta' l-Istati Uniti,
- iż-żoni kollha ta' l-Urugwaj, bl-eċċezzjoni tad-Dipartimenti Salto, Riviera u Paysandu, fit-tramuntana tax-Xmara Chapicuy.

Artikolu 3

Huwa hawnhekk iddikjarat illi l-pajjiżi terzi li ġejjin huma magħrufa bħala ħielsa miċ- *Cerkospora angolensis* Carv. et Mendes:

- il-pajjiżi terzi kollha li jkabbru ċ-ċitru fl-Amerika ta' Fuq, Ċentrali u ta' Isfel, il-Karibew, l-Asja (bl-eċċezzjoni tal-Jemen), l-Ewropa u l-Oċeanja,
- il-pajjiżi terzi kollha li jkabbru ċ-ċitru fl-Afrika bl-eċċezzjoni ta' l-Angola, il-Cameroon, ir-Repubblika Afrikana Ċentrali, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Gabon, il-Guinea, il-Kenya, il-Mozambique, in-Nigeria, l-Uganda, iż- Zambia u ż-Żimbabwe.

Artikolu 4

Huwa hawnhekk iddikjarat illi l-pajjiżi terzi li ġejjin huma magħrufa bħala ħielsa mir-razez kollha tal-*Guinardia citricarpa* Kiely patoġeniċi għaċ-ċitru:

- il-pajjiżi terzi kollha li jkabbru ċ-ċitru fl-Amerika ta' Isfel, Ċentrali u ta' Isfel, il-Karibew u l-Ewropa,

- il-pajjiżi terzi kollha li jkabbru ċ-ċitru fl-Asja, bl-eċċezzjoni tal-Bhutan, iċ-Ċina, l-Indonesja, il-Filippini u t-Tajwan,
- il-pajjiżi terzi kollha li jkabbru ċ-ċitru fl-Afrika, bl-eċċezzjoni ta' l-Afrika ta' Isfel, il-Kenya, il-Mozambique, iż-Żambja u ż-Żimbabwe,
- il-pajjiżi terzi kollha li jkabbru ċ-ċitru fl-Oċeanja, bl-eċċezzjoni ta' l-Awstralja, New Zealand u l-Vanuatu.

Artikolu 5

Huwa hawnhekk iddikjarat illi ż-żoni li ġejjin huma magħrufa bħala ħielsa mir-razez kollha tal-*Guinardia citricarpa* Kiely patoġeniċi għaċ-ċitru:

- fl-Afrika ta' Isfel: il-Western Cape
- fl-Awstralja: is-South Awstralja, il-Western Awstralja u n-Northern Territory,
- fiċ-Ċina: iż-żoni kollha bl-eċċezzjoni tas-Sichuan, il-Yunnan, il-Guangdong, il-Fujian u ż-Żhejiang.

Artikolu 6

Din i-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Jannar 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni